# Il-Knisja l-Qadima ta' Birżebbuġa

**Mario Fenech**



Meta f'Birżebbuġa kienet bidet tintuża remissa bħala Kappella nhar lejlet il-Festa ta' Santa Marija tas-sena 1907, din kienet l'istess Knisja li aktar tard kienet saret Parrokkjali fid-9 ta' Settembru 1913 mill-Isqof Mons. Pietro Pace. Din kienet iddedikata lil Marija Addolorata u fiha kien sar tibdil strutturali ta' tkabbir matul is-snin, kif ukoll il-bini tal-faċċata.

Dan it-tkabbir kien seta' jsir wara li kienu nxtraw żewġ remissi oħra li kienu jmissu ma' dik li kienet bidet tintuża qabel bħala Kappella.



Kienet Knisja ħelwa ħafna, tintuża spiss minn nies tar-raħal u ferm popolari waqt ix-xhur tas-Sajf, meta f'Birżebbuġa kienu jmorru bosta villeġġanti.

Minbarra n-nuqqas ta' spazju ma kien jonqosha xejn. Il-Kanonku Dun Achille Refalo kien ħallas biex saret l-Istatwa tad-Duluri li waslet fil-Knisja nhar is-17 ta' Awissu 1910. Filwaqt li diversi benefatturi kienu ħallsu biex saru l-opri sagri kollha li kienu jinħtieġu fil-Knisja.



Il-Festa kienet issir il-Ħadd fuq il-15 ta' Settembru, bil-funzjonijiet bil-mużika, jinħaraq il-logħob tan-nar u kienu jiġu mistiedna baned minn barra r-raħal.

F'din il-Knisja kienu twaqqfu żewġ Fratellanzi, tas-S.S.M.U. Sagrament u l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' fit-28 ta' Novembru 1913 u tar-Rużarju fl-4 ta' Jannar 1914.

Kif naraw minn dawn ir-ritratti l-Altar Maġġur tal-Knisja kien jintrama' bil-gandlieri tal-metall arġentat, bil-fjuretti Kanapew u Vintartal. L-istatwa tal-Madonna kienet tintrama fuq in-naħa tal-lemin ta' l-

Altar u mal-ħitan tal-Knisja kien jintrama d-Damask.

Mal-kolonni tal-faċċata tal-Knisja kienu jintramaw għadd ta' tazzi kkuluriti li kienu jinxtegħelu biż-żejt kif naraw fir-ritratt tal-ħruġ tal-vara ta' l-Addolorata mill-Knisja.



Il-Festa kienet tiġbed bosta nies lejn ir-raħal b'ħafna minnhom ikunu qegħdin jistennew din il-festa biex imbagħad jirritornaw lura lejn ir-raħal tagħhom, wara li jkunu temmew iż-żmien tal-villeġġatura tagħhom f'Birżebbuġa.

Il-Ħidma Pastorali kienet titkompla matul ix-xhur l-oħrajn tas-sena. Waqt il-jiem tar-Randan Imqaddes fuq l-Artar kien jintrama l-Kurċifiss flimkien ma' sett gandlieri, fjuretti u l-vintartal.



Dan l-istess Kurċifiss narawh man-naħa tax-xellug tar-ritratt ta' qabel armat għal waqt il-Festa tad-Duluri.

Kien jintrama wkoll pavaljun ma' l-arkata tal-korsija kif jidher mir-ritratt l-ieħor ta' din l-okkażżjoni.

Meta mbagħad infetħet il-Knisja Parrokkjali l-ġdida ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen, din il-Knisja għaddiet f-idejn is-Soċji tal-Mużew biex jużawha għat-tagħlim tad-Duttrina.


**Mystic Stationery & Bazaar**

**Salvatore Cachia Zammit Str. Qajjenza**
**Tel: 21650648**

Toys Gifts - Swimming Accessories
Ice Cream - Photocopy Service
Cards - Perfumery - Post Cards and Magazines